SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T'OTTUBRU 2001

Avviz numru 1155/00DM

Maltacom p.l.c.

Vs

Marian Formosa

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghal hlas tas-somma ta' tmien mija u u tmienja u tmenin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm888.92) minnha dovuti inkonessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 344420 (cn 239547) kif jirrizulta mill-prospett hawn aness u mmarkat Dok A liema servizz gie installat fil-fond 58 B, Birkirkara Road, St Julians, fuq rikjesta tal-konvenuta, kif jirrizulta mis-'service agreement', hawn anness u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxjiet legali dekoribbli mid-data tal-llum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata, msejjha ma deheritx biex tikkontesta it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament il-PL Noel Scerri in rapprezentanza tal-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa` it-talba attrici u tikundanna lil konvenuta sabiex thallas lil atturi is-somma ta’ tmien mija u tmienja u tmenin liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm888.92) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mill-1 ta’ Settembru tas-sena 2000

Bl-ispejjez kontra il-konvenuta.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg